MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2008

Avviz Numru. 571/2005

**Geitu Mercieca (ID 890849M)**

**vs**

**Natalino Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fis-6 ta' Dicembru 2005 fejn talab lil din il-Qorti illi prevja dikjarazzjoni illi huwa responsabbli ta' malafama u libell fil-konfront tal-attur wara l-artikolu intestat "*Sea Malta employees expect GWU to pay"* (Dok XI anness) pubblikat fil-harga tal-4 ta' Dicembru 2005 tal-gazzetta *The Sunday Times* stante li l-istess artikolu huwa malafamanti, libelluz u jirrapprezenta fatti inveritieri u ghalhekk intiz sabiex itellef jew inaqqas ir-reputazzjoni ta' l-istess attur, kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza; jhallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti ai termini ta' l-artikolu

28 ta' l-Att dwar ta' l-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ghall-finijiet ta' kompetenza jigi dikjarat li l-ammont pretiz ma jeccedix is-somma ta' hamest elef lira Maltija (Lm5,000).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Natalino Fenech fejn eccepixxa illi:

1. It-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur peress illi l-pubblikazzjoni *de qua* tikkostitwixxi kumment gust ibbazat fuq fatti veri.

2. B'riserva ta' eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hija konsegwenza ta' artikolu li kiteb il-konvenut fil-gazzetta '*Sunday Times'* tal-harga tal-4 ta' Dicembru 2005 fejn kien qed jikkummenta dwar il-kwistjoni tal-privatizzazzjoni tas-Sea Malta li dak iz-zmien kienet holqot kontroversja bejn il-*General Workers Union* u l-Gvern.
L-attur hassu malafamat u ingurjat minn paragrafu li kiteb il-konvenut fejn allega li meta l-attur Geitu Mercieca kien *Section Secretary* tal-union fl-azjenda Interprint u dina ta' l-ahhar kienet tinstab f'sitwazzjoni finanzjarja prekarja u kienu qed isiru diskussjonijiet sabiex tinbiegh, dawn id-diskussjonijiet ma rnexxewx u kellhom jaghlqu minhabba r-ras iebsa ta' l-attur. Hawnhekk l-artikolist il-konvenut Natalino Fenech, qieghed iqabbel il-kwistjoni tas-Sea Malta ma' dak illi kien gara fl-Interprint u jghid testwalment *"this is actually similar to what the union achieved when*

*Geitu Mercieca was section secretary and was stubborn in the Interprint case. It too was closed down and workers lost their jobs; now it is our turn."* L-artikolist f'dan il-bran suppost qieghed jikkwota dak illi qal haddiehor, u cioe' l-impjegati tas-Sea Malta fejn ghamlu paragun ta' l-agir tal-*General Workers Union* ma' dak illi kien gara fil-Phoenicia u l-Interprint u issa fil-kaz taghhom tas-Sea Malta. L-attur pero' hassu ngurjat b'dan l-artikolu meta nghadd illi huwa kien rasu iebsa fil-kwistjoni ta' l-Interprint.

Ikkunsidrat:

L-attur xehed illi mhux veru illi huwa kien rasu iebsa. Filwaqt li kkonferma li dak iz-zmien huwa kien *Section Secretary*, ikkonferma wkoll li l-azjenda kienet fi stat finanzjarju prekarja u li kienu qed jinstabu bejjiegha sabiex l-operazzjoni tal-kumpanija tkun tista' timxi l'quddiem minghajr ma jkun hemm tkeccija tal-haddiema, pero' ma kienx minnu illi huwa kien rasu iebsa. Tant hu hekk illi f'dawn id-diskussjonijiet kienu ftiehmu fuq kollox inkluza l-klawsola l-aktar kontroversjali u cioe' dik il-klawsola numru 12 illi kienet tirreferi ghar-*'redundancy benefits'* illi kellhom jiehdu l-impjegati ta' l-Interprint.

L-attur a fol 15 spjega illi *"kien hemm ukoll il-kwistjoni dwar it-'terminal benefits' ta' l-impjegati. Ahna ma ghamilna l-ebda oppozizzjoni ghal xi terz jiehu over il-kumpanija. Skond il-'collective agreement' illi kellna dak iz-zmien jiena kien jinteressani biss illi nissalvagwardja kemm jista' jkun l-impjiegi tal-haddiema, l-bqija x'jaghmlu l-administration bil-kumpanija u min jidhol ghaliha hi kwistjoni ohra."*

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi hija proprju din il-kwistjoni tat-*'terminal benefits'* li kienet l-aktar wahda importanti u l-akbar skoll ghal min kien interessat illi jiehu over il-kumpanija. Dak iz-zmien kienu qed isiru diskussjonijiet mal-Mizzi Group u Alfred Mallia Milanes kien inkarigat mis-Sur Albert Mizzi l-proprjetarju tal-grupp sabiex jitkellem mal-Union u jasal f'arrangament maghha dwar il-

futur ta’ l-impjegati ta’ l-azjenda. Mallia Milanes kien car u grafiku dwar l-agir u l-attitudni tal-union f’dawn id-diskussjonijiet u qal car u tond *“id-diskussjonijiet ma rnexxewx ghaliex il-union baqghet izzomm iebes, kellha stands rigidi illi t-terminal benefits ma jitmissux, dana nonostante li konna tajna l-garanzija illi l-haddiema jistghu jibqghu hemmhekk u hadd ma jitlef postu.”* Dina pero’ ma kienetx l-unika kwistjoni illi l-partijiet kellhom jinnegozjaw fil-bejgh tal-kumpanija. Kwistjoni ohra illi tidher illi damet hafna biex issib soluzzjoni hija l-kwistjoni tal-flessibilita’ fejn il-union baqghet tinsisti illi haddiema illi jahdmu f’dipartiment ma kellhomx jaghmlu xoghol f’dipartiment iehor.

Mallia Milanes minbarra li kien inkarigat mis-Sur Albert Mizzi, kien ukoll Chairman tal-kumpanija u kien jinnegozja ma’ l-attur dwar it-trasferiment ta’ l-istess. Jkompli jghid *“ghal kull laqgha li ghamilt ma sibtx kooperazzjoni min nahha tal-union. L-istand taghha kien wiehed negattiv ghall-ahhar, dana nonostante li l-gvern kien ghamilha cara illi jekk ma jintlahaqx ftehim huwa ma kienx behsiebu jkompli jissussidja l-kumpanija u kienet ser taghlaq bil-konsegwenza illi l-haddiema jitilfu l-impjieg taghhom.”* Mallia Milanes jsemmi cirkostanzi ohra tal-laqgha li kellu ma’ l-attur li ma damitx aktar minn ghaxar minuti fejn is-Sur Mercieca kien allega li l-gvern kien diga’ ddecieda illi jaghlaq il-kumpanija u ghalhekk ma kienx hemm aktar x’jitkellem u ma riedx jaghmilha ta’ ‘*rubber stamp’* u telaq ‘l barra.

Ix-xhieda ta’ Mallia Milanes hija wkoll ikkorroborata mic-Chairman tal-MIMCOL Ivan Falzon fejn avolja ma kienx daqshekk grafiku pero’ jammetti illi kien hemm problemi dwar *work practices* u l-klawsola numru 12 tal-*Collective Agreement*. Ikompli jghid fol 34 *“fuq dawn konna nitkellmu u fuq dawn deherli illi l-union kienet daqsxejn inflessibbli meta gejna ghad-diskussjonijiet. Kienet qed tinsisti ghan-nuqqas ta’ flessibilita’ fil-kumpanija u wkoll ghall-principju ta’ last in first out fejn il-kumpanija sabet ruhha f’posizzjoni illi jekk mechanic ikun dahal l-ahhar wiehed u li pero’ jkun hemm bzonnu ghall-magni, kien ikollu jitkecca minflok cleaner li kien ilu hemmhekk is-snin minhabba l-klawsola*

*12 u klawsoli ohra ta' l-istess Collective Agreement."* Minkejja dan u d-diffikultajiet kollha li nqalghu, diskussjonijiet li damu ghaddejjin sentejn, fl-ahhar mill-ahhar sar ftehim u l-union kienet accettat illi l-klawsola 12 ma tibqax iktar in vigore wara s-sena 2002, pero' jidher illi wara dan iz-zmien kollu kien tard wisq peress illi l-Mizzi Group qatghet qalbha, ma dahlitx ghal piz tax-xiri tal-fond. Ivan Falzon ighid illi ftiehmu fuq kollox pero' Mizzi qata' qalbu ghax deherlu illi kien ser ikollu diffikultajiet jopera l-kumpanija taht il-kundizzjonijiet illi kienu ftiehmu (fol 36).

Il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda ta' John Busuttil a fol 31 li kien Chairman ta' l-Interprint bejn il-1993 u t-2002 fejn dan isemmi diskussjonijiet twal u kumplikati principalment dwar il-klawsola 12 li ddiskreviha bhala *"wahda tahraq ghal fini tan-negozjati."* Meta sar il-ftehim u gie ffissat appuntament ghat-trasferiment ta' l-azjenda Albert Mizzi ma deherx u rega' bdielu milli jakkwista l-kumpanija. B'hekk peress li ma kienx hemm xerrejja ohra l-Gvern kien iddecieda illi jaghlaq l-azjenda u l-impjegati kollha f'dak l-istadju spiccaw bla xoghol.

Ikkunsidrat:

Huwa principju assodat fil-qasam tal-gurisprudenza lokali illi sabiex kumment ikun *fair comment*, irid ikun bazat fuq fatti illi jkunu sostanzjalment korretti (ara fost ohrajn Onorevoli Freddie Micallef vs Victor Camilleri Appell 31 ta' Mejju 2002). F'dan il-kaz l-artikolist, il-konvenut qieghed jallega illi l-attur fil-kwalita' tieghu ta' *Section Secretary* kien intransigenti fid-diskussjonijiet u trattattivi li kienu qieghdin isiru ghat-trasferiment tal-kumpanija Interprint.

Mill-fatti rrizulta illi l-*General Workers Union* tramite r-rapprezentanti taghha u cioe' l-attur u Salvu Sammut li kien *Shop Steward* u llum President tal-*General Workers Union* kienu intransigenti waqt id-diskussjonijiet tat-*'terminal benefits'* ta' l-impjegati. L-attur ighid li waqt id-diskussjonijiet l-ghan principali tieghu kien illi jissalvagwardja l-impjieg ta' l-impjegati, kif ukoll il-kundizzjonijiet li kienu gia' miftiehma mal-Gvern tramite l-*Collective Agreement* li kien ghadu jsehh. Il-Qorti

tirraguna illi filwaqt illi huwa tajjeb u ta' beneficcju ghall-istess impjegati sabiex dawn il-kondizzjonijiet jibqghu jinzammu pero' f'certa cirkostanzi fejn ikun ovvju li l-vijabilita' tal-kumpanija tiddependi mit-tibdil tal-kundizzjonijiet ta' l-istess *Collective Agreement* u tal-*work practices* ta' l-istess impjegati, allura f'dak il-kaz ikun aktar ta' gid ta' l-impjegati li jkun hemm certa flessibilita' fir-ragunament tal-union ghal dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet vigendi ta' l-impjegati. Huwa inutili li wiehed joqghod jinsisti fuq l-implimentazzjoni ta' ftehim meta dan kien ser ikun aktar ta' hsara ghall-istess impjegati. Bhalma jghid l-ingliz "*its no use flogging a dead horse"* u kien inutili ghalhekk illi l-attur jkompli jinsisti fuq l-implimentazzjoni tal-*Collective Agreement* meta dan kien bla uzu la ghall-kumpanija u lanqas ghall-istess impjegati. John Busuttil ighid illi f'dawk is-sentejn ta' negozjati sena u nofs minnhom ittiehdu biss biex tigi diskussa l-klawsola numru 12. Il-Qorti jidhrilha illi dana huwa zmien twil wisq sabiex tigi diskussa klawsola wahda, u hawn tidher l-intransigenza min nahha tas-sezzjoni tal-union kif kienet immexxija dak iz-zmien minn Geitu Mercieca.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi r-rappurtagg kif miktub mill-konvenut kien sostanzjalment korrett u seta' ragonevolment jasal ghal konkluzzjoni illi l-attur kien dakinhar rasu iebsa fin-negozjati li kellu ghat-trasferiment ta' l-azjenda. Il-konvenut ghalhekk jirnexxielu jipprova b'success illi l-fatti li huwa rrapporta kienu vera u kompleti u ghalhekk il-kumment li huwa ghamel jista' jitqies bhala *fair comment* (ara *Angelo Fenech pro et noe vs Anthony Montanaro et* Appell 21 ta' Jannar 1993).

Ghal dawn ir-ragunijiet,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------